# AVVIŻI PARROĊĊA KRISTU RE PAOLA

## Mill-Ħadd 5 sal-Ħadd 12 ta' Frar 2012

● Jibdew **iż-Żjajjar u** t-**Tberik tal-Familji,** mill-kappillan u diversi saċerdoti, fi Triq Ħal-Luqa,Triq ix-Xewk, Triq Maria Addolorata, Triq Salvatore Imbroll, Triq Mons.Frangisk Xuereb, Triq Anġlu Psaila,Triq it-Tfief, Triq Carmelo Robinich u Triq San Lwigi.. Ir-residenti huma avżati individwalment bid-data w il-ħin.

● Il-ġimgħa ta' wara, iż-Żjajjar u t-Tberik tal-Familji se jkunu fi Triq Santa Monika, Triq Melita, Triq l-Isqof Pietru Pace, Triq it-Tifkira u triq San Edwardu.

| | | |
|---|---|---|
| **TLIETA 07.02** | ◘ | **7.15 pm:** Adorazzjoni fil-kappella tal-M.U.S.E.U.M. tal-Bniet organizzata mill-Grupp Karizmatiku. Kulħadd mistieden. |
| **ERBGĦA 08.02** | ◘ | **6.00 pm:Ordinazzjoni Episkopali ta' Mons. Patri Prospero Grech OSA.** minn Mons. Arcisqof fil-Kon Katidral ta' San Gwann.<br>P.Prospero Grech imbagħad jiġi nominat ufficjalment Kardinal mill-Papa Benedettu XVI nhar is-Sibt 18 ta' Frar fil-Bazilika ta' San Pietru, Ruma. |
| **ĦAMIS 09.02** | ◘ | **9.00 am:** Laqgħa għall-anzjani, fis-Sala Parrokkjali, organizzata mill-Kummissjoni Djakonija. Ikun hemm kelliem espert mistieden. |
| **ĠIMGĦA 10.02** | ◘ | Festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl. Festa Pubblika bl-obbligu tas-smiegħ tal-Quddies li jkun bħal ta' nhar ta' Ħadd. **<u>Ma jkunx hemm Quddiesa tas-7.30 pm</u>** |
| | ◘ | Nhar il-Festa ta' San Pawl il-Kummissjoni Festa Kristu Re qed torganizza Gurnata Flimkien, bil-Quddiesa, f'San Pawl il-Baħar. Booking u aktar tagħrif mill-postijiet tas-soltu. |
| **SIBT 11.02** | ◘ | **6.30 pm fis-Santwarju ta' Santa Tereza – Birkirkara,** Quddiesa Konċelebrata, mmexxija minn Mons. Arċisqof, organizzata mill-**Għaqda Maltija għat-Trasport tal-Morda f'Lourdes.** |
| | ◘ | **9.00pm – 11.00 pm:** Laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru fil-Knisja Parrokkjali ta' San Gejtun, Hamrun. Il-laqgħa tibda bil-quddiesa . |
| **ĦADD 12.02** | ◘ | **9.00 am – 11.00 am:** Fil-Kappella tal-Kurja l-Floriana, Adorazzjoni għall-Vokazzjonijiet Saċerdotali u Reliġjużi. Ikun hemm quddiesa. |
| | ◘ | **6.30 pm fil-Konkatidral ta' San Gwann.** Quddiesa għall-koppji li ser jiżżewġu din is-sena. Jiċċelebra Mons. Arċisqof Pawlu Cremona OP. Wara l-quddiesa Mons. Arċisqof jiltaqa' mal-koppji. |

● Infetħu l-applikazzjonijiet għall-**<u>Korsijiet ta' Kana</u>** bi tħejjija għas-Sagrament taż-Żwieġ Nisrani li ser isiru f'April f'diversi parroċċi, fosthom dik tagħna, għall-għarajjes li ser jiżżewwġu fi żmien sentejn. L-applikazzjonijiet huma limitati w jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Parrokkjali.

✞ Din il-ġimgħa tajna l-aħħar tislima lil
Gerald Cassar